18 ta' Awissu, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Toni Pisani

**Bejgħ — Impożizzjoni ta' Kondizzjonijiet — Użu fil-bejgħ tal-Laħam — Fwied.**

*Meta l-leġislatur ipprojbixxa b'liġi lill-bejjiegħ li jirrifjuta l-bejgħ, jew li jimponi kondizzjonijiet fil-bejgħ, il-ħsieb tiegħu kien li jevita li jiġu imposti kondizzjonijiet inġusti li bihom jiġi evitat l-iskop li l-affarijiet ta' l-ikel jitqassmu ekwament bejn kulħadd bi prezz kontrollat; imma ma setax kien dak illi jiddisturba użi leġittimi fil-kummerċ, prattikati minn dejjem u magħrufa mill-konsumaturi.*

*Fil-każ preżenti ġie ritenut li l-bejjiegħ li ried jobliga lix-xerrej jaċċetta biċċa qalb jew milsa mal-fwied li dak ix-xerrej mar biex jixtri ma kiserx dik il-projbizzjoni tal-leġislatur, u li għalhekk ma kienx ħati ta' l-imputazzjoni li saritlu fis-sens li huwa impona kondizzjonijiet fil-bejgħ.*

Dan hu appell minn sentenza mogħtija fit-23 ta' April 1947 mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha l-imsemmi Pisani ġie misjub ħati talli tas-Sliema, fil-21 ta' Marzu 1947, irrifjuta li jbiegħ fwied lill-parruċċani, u barra

minn dan impona kondizzjonijiet fl-istess bejgħ; u ġie kundannat multa ta' £2;

Trattat l-appell, din il-Qorti rriflettiet;

Dwar il-fattijiet ma jidherx li hemm kuntrast. Ix-xhud Garroni mar. fil-ġurnata in kwistjoni, jixtri l-fwied minn għand l-appellant. Ix-xhud talbu kwart fwied biss, iżda l-appellant riedu jieħu, mal-fwied, xi ftit u nofs jew qalb jew milsa;

Id-difiża sostniet illi minn dejjem hu użu f'dan ix-xorta ta' bejgħ illi mal-fwied tinbiegħ biċċa qalb jew milsa;

Fix-xhieda tiegħu l-imputat qal illi hu u neguzjanti bħalu jixtru l-fwied mill-biċċerija flimkien mal-qalb u l-milsa, u li minn dejjem mal-fwied tinbiegħ biċċa qalb jew milsa. Ix-xhieda ta' l-imputat ġiet konfortata mix-xhieda ta' Micallef, li ilu jinnegozja f'dan il-ġeneru minn 44 sena 'l-hawn. Dan qal illi l-fwied minn dejjem jinbiegħ bil-qalb u l-milsa, anki fil-biċċerija, fi proporzjon simili għal dik li semma fix-xhieda tiegħu l-imputat;

Issa hu loġiku li wieħed jirritjeni illi meta l-liġi pprojbiet lill-bejjiegħ li jirrifjuta jbiegħ, jew illi jimponi kondizzjonijiet fil-bejgħ, il-ħsieb tal-leġislatur kien illi jevita li jiġu mposti kondizzjonijiet inġusti li bihom jiġi evaż l-iskop li l-affarijiet ta' l-ikel jitqassmu ekwament bejn kulħadd bi prezz kontrollat. Ma setax kien, però, fil-ħsieb tal-leġislatur illi jiddisturba użu leġittimu tal-kummerċ pratikat minn dejjem u magħruf mill-konsumaturi, u dovut għall-fatt li, diversament, il-bejjiegħ tal-laħam, li jkun hu stess xtara mill-biċċerija, bla ma seta' jagħmel xort'oħra, fwied bil-qalb u l-milsa, ma jsibx il-bejgħ ta' dawn ta' l-aħħar, bi preġudizzju tal-profitt leġittimu tiegħu;

Hu ta' min jinnota wkoll illi fl-"Orders" maħruġin mill-uffiċjal kompetenti dwar il-bejgħ tal-laħam, la l-qalb u lanqas il-milsa ma huma msemmijin fost il-qatgħat partikulari li soltu jissemmew fl-"order"—ċirkustanza li pjuttost tikkonferma illi l-qalb u l-milsa jiġu kunsidrati bħala jinbigħu mal-fwied;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jistax jingħad illi l-appellant ikkontravvjena għall-liġi;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.